**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 55**

**Il-Ħamis 23 ta' Frar 2023**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Elenia Desira - Viċi Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA**
Dr.Mary Muscat - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **55.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 55.1.1 | Il-Kunsilliera Dr. Mary Muscat talbet li tkun assenti permezz ta' ittra t'apoloġija. Din ġiet approvata. |
| **55.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 55.2.1 | Elenia Desira talbet xi korrezzjonijiet minuri fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti numru 53. Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana issekonda bħala koretti l-kumplament tal-minuti tal-laqgħa numru 53 li saret f'Jannar 2023 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| 55.2.2 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana issekonda bħala koretti, il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 54 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **55.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 55.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar it-31 ta' Jannar 2023 is- Sindku kellu laqgħa mal-Heritage Malta dwar Triq tas-Silg. Is-sindku spjega lil persuna li kienet preżenti ghal-laqgħa fejn spjega kif kellu laqgħa mal On. Ministru Owen Bonnici u Heritage malta fejn ġew preżentati il-propsti li ġew diskussiu dawn ġew mgħoddija lil Infrastructuremalta. |
| 55.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar is-6 ta`Frar 2023 is-Sindku kellu laqgħa mal-Planning Authority fuq Busbiesi lane |
| 55.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar is-7 ta`Frar 2023 is-Sindku kellu laqgħa mal-Water Services rigward il-problema tad-drenaġġ ta Triq Barthelemy, |
| 55.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar l-14 ta`Frar 2023 is-Sindku kellu laqgħa ma Steve Ellul rappreżentant tal-Ministeru tal -Enerġija rigward il-Car Park. Is-sindku informa li ser jerġa japplika biex isir il-park. |
| 55.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar il-15 ta`Frar 2023 is-Sindku kellu laqgħa ma Vella Emmanuel rapprezentant tal-Culture Directorate rigward xi għannejja li ser jiehdu sehem f` Jum San Girgor |
| 55.3.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li nhar it-23 ta`Frar 2023 is-Sindku kellu laqgħa ma rappreżentanti ta-ERA minħabba il-problema tal-Oil spills ta`Xatt is-Sajjieda. |
| 55.3.7 | Talba ta parking area. Is-sindku informa li kien hemm persuna li talab li l-għalqa li għandu tiġi parking area. Is-sindku saqsa lil dawk preżenti jekk isibux oġġezzjoni għall din it talba. Kien hemm qbil li dan seta jmexxi biex iġib permessi neċċessarji u jikkonverti dil għalqa f'parkeġġ. |
| **55.4** | **Latrina Pubblika** |
| 55.4.1 | Saret Laqgħa mar-reġjun sabiex tiġi tranġata il-latrina. Is-Sindku ukoll informa li kien hemm telefonati mill puluzija mħabba il-cameras li hemm fil-latrina ta' ħdejn l-iskuna, fejn nforma li dawn qegħdin jiġbdu il-filmat fuq is-sinkijiet u mhux fuq it-toilets u twaħħlu minħabba vandalizmu li kien qed isir. |
| **55.5** | **Bankini ta' Triq Axtart u Triq l-Arznell** |

| | |
|---|---|
| 55.5.1 | Is-Sindku informa li wara li saru laqgħat mal-Ministru Stefan Zrinzo u ġie deċiż li ser isiru. Jittieħdu permessi mal-ERA sabiex ma jkunx hemm problemi minħabba xi siġar li hemm. |
| **55.6** | **Fondi t'aġġustament.** |
| 55.6.1 | Is-Sindku spjega li b'dan il fond ser jinbidlu it tabelli tat toroq kif ukoll ser isiru dawk ta max-xatt. |
| **55.7** | **Permessi tal-Iskalien**. |
| 55.7.1 | Is-Sindku spjega li sabiex jgħin is-sajjieda kien qed joħroġ permessi li sabiex jittellgħu il bċejjeċ fuq l-iskalien għall ftit jiem u minkejja dan kien qed isir abbuż. Huwa informa li ma kienx ser jibqa joħroġ dawn il-permessi u li dawn issa għandhom morru Transport Malta. |
| 55.8 | Is-Sindku informa li waqt li kien mal-persuna li inkarigat mis-sinjali resqet persuna li staqsiet fuq is-sinjali li ser isiru quddiem il propjeta tagħha. Huwa sjega kif dik il-part ser titnaddaf mill-kaxxi tal plastic kif ukoll ser issir tabella *fishermen/hawker loading/ unloading zone*. Huwa qatt ma semma li ser ineħħi il-qtates. |
| **55.9** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 55.9.1 | Stephen Caruana staqsa update dwar il-*bus shelter* Triq Melqart. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ilha ħafna peress li hemm kwistjoni fil qorti fuq dan ir-rigward. |
| 55.9.2 | Stephen Caruana staqsa ukoll rigward il bollard jekk hux ser jitneħħa. Sindku wieġeb li tneħħa. |
| **55.10** | **Objection letter** |
| 55.10.1 | Objection letter: Sar qbil li tintbgħat ittra dwar PA/ 8310/21 |
| **55.11** | **Skema *Project Green*** |
| 55.11.1 | Ser issir applikazzjoni għall ġnien Kavallerizza ħdejn il-*Carpark*. Sar qbil unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **55.12** | **Investing in Renewable Energy.** |
| 55.12.1 | Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-iskema meta tkun *available*. Il-proposta fid-dettal tingħata l-quddiem. Sar qbil unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **55.13** | **Is-Sindku għadda dokument li nġib mis-Sinjur li attenda fil-laqgħa preċedenti. Dan ġie mgħoddi lil Kunsilliera kollha.** |
| **55.14** | ***Planning Authority*** |
| 55.14.1 | Ser issir laqgħa biex tiġi diskussa il-pjanta dwar l-applikazzjoni tal-monti fis ta' matul il-ġimgħa bejn il-kunsilliera. Sar qbil bejn dawk preżeti. |
| 55.14.2 | Daniel Zerafa qal li kien hemm applikazzjoni biex issir *pump room* u *reservoir* ġewwa għalqa f'Dellimara. Jekk ma ssir oġġezzjoni jinħoloq preċedent għall-oħrajn. Sar qbil li tintbgħat nota mill-Kunsill qed jissorvelja is-sitwazzjoni. |

| | |
|---|---|
| 55.14.3 | Razett abbandunat fuq il-Ħofra il-Kbira sabiex jiġi ikkonvertit għall post residenzjali. |
| **55.15** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 55.15.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana issekonda. Din ġiet approvata b'mod unanimu bejn dawk preżenti. |
| **55.16** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 55.16.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-17.30h wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023, fl-16.30h |

**Ikkonfermati, illum 27 ta' Marzu 2023**

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*